Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
Kumpless Bice Mizzi Vassallo
Triq Arnheim
Pembroke PBK1776
Malta EU

+356 27131574
nationalbookcouncil@gov.mt
ktieb.org.mt

**Il-Fond Malti tal-Ktieb 2026 Għotjiet għall-Pubblikazzjoni – Linjigwida u Regolamenti**

## 1. Ħarsa ħafifa

L-Għotjiet għall-Pubblikazzjoni tal-Fond Malti tal-Ktieb huma mmaniġġjati mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) u jwieżnu l-pubblikazzjoni ta' kotba lokali b'sussidji fuq kotba fittizji jew Melitensia.

Il-Fond huwa estensjoni ta' xogħol il-KNK għall-industrija Maltija tal-pubblikazzjoni, sabiex jogħlew l-istandards tal-pubblikazzjonijiet u jiġu inkuraġġuti xogħol ġdid u oqsma ta' riċerka ġodda.

Il-fond għall-2026 f'dil-fergħa huwa €55,000.

## 2. Għanijiet

- Biex ninkuraġixxu proġetti ġodda u narrikkixxu s-suq Malti tal-kotba.
- Biex inwieżnu pubblikazzjonijiet ta' kwalità u valur kulturali u intellettwali għoli li ma jkunux vijabbli finazjarjament.
- Biex jitħeġġu l-ideat għal proġetti u inizjattivi ġodda fis-suq lokali.

## 3. Proġetti mwieżna

Dil-fergħa twieżen xogħlijiet oriġinali ta' natura fittizja jew akkademika, fosthom xogħlijiet fittizji, poeżija, drama, bijografiji, letteratura mhux fittizja, rumanzi grafiċi u riċerka akkademika.

L-ispejjeż koperti jinkludu r-riċerka, il-kitba, l-editjar, id-dokumentazzjoni, l-illustrazzjoni, l-arti, l-istampar, il-marketing, u l-ħlasijiet lill-awtur.

## 4. Ir-Regolament De Minimis – Regoli Applikabbli għall-Għajnuna Statali

Il-Fond Malti tal-Ktieb qed ikun implimentat skont il-proviżjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023, dwar l-applikazzjoni ta' Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna de minimis.

L-għajnuna de minimis totali mogħtija lil kull impriża waħda m'għandhiex taqbeż il-€300,000 fuq kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali. Minħabba f'hekk l-applikanti għal dal-fond mitluba jipprovdu flimkien mall-applikazzjoni tagħhom, Formola ta' Dikjarazzjoni t'Għajnuna mogħtija mill-Istat li fiha jikkonfermaw l-ammont ta' għajnuna de minimis li rċevew u/jew applikaw għalija fil-perjodu applikabbli ta' 3 snin.

L-akkumulu tal-għajnuna għandu jsegwi r-regoli f'Artiklu 5 tad-de minimis. L-għajnuna tal-Fond Malti tal-Ktieb m'għandhiex tingħadd ma' għajnuniet governattivi oħra li jkopru l-istess spejjeż. Jekk ikun jidher ċar li l-proġett ingħata fondi separati għall-istess spejjeż, jiġifieri dak li jkun ikun bill sebgħu darbtejn, il-proposta tkun ikkunsidrata bħala ineliġibbli u l-fondi mogħtija jkunu jridu jitreġġgħu.

## 5. Il-Proċess tal-Evalwazzjoni

Biex applikazzjoni tkun ikkunsidrata għall-fondi trid iġġib minn tal-inqas **60 marka**. Bord indipendenti tal-aġġudikazzjoni jara l-applikazzjonijiet u jqassam il-fondi skont il-grad ta' kompetizzjoni u d-disponibbiltà tal-fondi.

Il-fondi jiġu allokati wara proċess kompetittiv tal-aġġudikazzjoni skont damma ta' kriterji stabbiliti minn qabel.

Ir-rebbieħa tal-fond jitħabbru fi żmien tmien ġimgħat minn għeluq is-sottomissjonijiet.

Dawk li ma jirnexxilhomx jieħdu l-fondi jingħataw rapport iddettaljat.

## 6. Il-Kriterji tal-Eliġibbiltà

L-applikanti jistgħu jkunu ċittadini jew resident Maltin b'ittra ta' interess mingħand pubblikatur irreġistrat Malta, inkella pubblikatur irreġistrat Malta, inkella fil-każ ta' kittieba awtoppubblikati ċittadini jew resident Maltin.

Applikant jista' jissottometti kemm-il proġett irid, iżda jista' jieħu l-fondi sa massimu ta' żewġ proġetti f'kull fergħa.

L-applikazzjoni trid tinkludi:

- Deskrizzjoni u proposta tal-proġett (1,500 kelma).
- Rendikont baġitarju bi stimi uffiċjali.
- Pjan iddettaljat b'ġustifikazzjoni għall-fondi, b'titlu, bl-iskop tal-proġett, u b'referenzi u l-biblijografiji tal-awtur jew pubblikatur.
- Skeda approssimattiva taż-żmien (il-proġett irid jitlesta fi żmien sentejn).

Deskrizzjoni tal-proġett

It-taqsira trid tinkludi deskrizzjoni ta' post ix-xogħol fis-suq Malti. L-applikant irid iressaq argumenti b'saħħithom tal-għala l-proġett tiegħu għandu rilevanza kulturali, u t-taqsira trid tinkludi wkoll ġustifikazzjoni tal-fondi mitluba.

Proġetti ineliġibbli

- Kotba użati fl-iskejjel;
- Kotba jew materjal għal tfal taħt it-12-il sena*;
- Manwali tal-istruzzjonijiet;
- Kotba ta’ propaganda politika;
- Kotba ta’ qari każwali;
- Kotba ta’ notamenti mużikali;
- Kotba ta’ fotografija jew xbihat;
- Xogħlijiet ta’ traduzzjoni jew noti ta’ xi kors mgħallem;
- Proġetti li l-ispejjeż tagħhom ikunu diġà ġew koperti minn entitajiet pubbliċi oħra jew minn fondi tal-KNK;
- Applikazzjonijiet biex jinġiebu spejjeż b’lura

*Jekk il-proġett immirat għat-tfal jew iż-żgħażagħ jinkludi spejjeż straordinarji minħabba li qed isir tali mod li jkun aċċessibbli għal qarrejja bi ħtiġijiet speċjali, mela jkun eliġibbli għall-fond.

Il-proġetti ineliġibbli ma jgħaddux għall-fażi tal-evalwazzjoni.

### 7. Ir-Rendikont Baġitarju

Iridu jiġu pprezentati stimi u dokumenti uffiċjali li jirfdu l-ispejjeż immarkati fir-rendikont baġitarju.

L-ispejjeż eliġibbli huma:

- Ir-riċerka;
- Il-kitba;
- L-editjar;
- Id-dokumentazzjoni;
- L-illustrazzjoni;
- L-arti;
- Id-disinn;
- L-istampar (speċifika t-tiratura);
- Il-marketing;
- Il-ħlasijiet tal-awtur.

Kull kategorija li l-applikant jiddeċiedi li jimla meta jkun qed japplika jrid jirdifha bl-istimi, biex imbagħad jekk jieħu l-fond fl-aħħar ikun irid jippreżenta l-fatturi jew l-irċevuti korrispondenti fir-rapport finali.

Ir-rendikont baġitarju jrid jinkludi l-infiq u d-dħul minn għejjun oħra ta’ fondi, ngħidu aħna sponsors (anki mhux finanzjarji), dejjem mirfuda b’dokumentazzjoni uffiċjali.

L-ispejjeż koperti minn dil-fergħa jistgħu jitilgħu sa 100% tal-proġett, imma ma jaqbżux il-€5,000 għal kull proġett.

**8. Il-Kriterji tal-Aġġudikazzjoni**

**a) Kwalità: Is-saħħa fid-dettall tal-proġett (30 marka)**

Dal-kriterju jħares lejn l-importanza kulturali, edukattiva u intellettwali tal-proġett għas-soċjetà.

Il-proġett:

- Jippreżenta l-kunċett ċar u b'mod li jqanqal l-interess? Jiddefinixxi x'inhu l-għan u min huma l-udjenza ewlenin?
- Għandu element konsiderevoli ta' oriġinalità? Jimla xi lakuna fil-letteratura eżistenti, u b'hekk juri l-kapaċità tal-awtur?
- Jipprovdi qafas iddettaljat, kontenut irriċerkat, u struttura loġika li jġiegħlu lill-qarrej ikun interessat?
- Jillustra b'mod konvinċenti għala l-ktieb huwa bżonnjuż, kif jogħla fuq l-oħrajn, u kif se jħalli effett fuq is-soċjetà?
- Jisfida ċerti perspettivi, iqanqal id-diskors, jew jikkontribwixxi fir-riċerka?
- Kapaċi jinfluwenza lill-pubbliku, irawwem identitajiet ġodda jew jibni pont bejn ġenerazzjonijiet differenti?
- Irawwem il-ħsien kritiku u jispira l-kreattività?

**b) Kwalità: Is-saħħa tal-kampjun provdut (10 marki)**

Dal-kriterju jħares lejn il-kampjun provdut

Is-silta provduta:

- Issorr mertu letterarju? Ċara u tqanqlek?
- Miktuba b'mod strutturat? Għandha vuċi tagħha u argument narrattiv ċar?
- Il-lingwa tagħha mirquma, timxi b'mod koerenti, u fiha ħsieb (sija jekk fittizja u sija jekk mhux fittizja)?
- Fiha djalogu mexxej, deskrizzjonijiet b'saħħithom, u raġunar persważiv?
- Taqbel mal-udjenza li qed jimmira għaliha l-proġett?
- Tagħtik ħarsa tajba biżżejjed lejn il-proġett? Hija indikatur ta' min joqgħod fuqu rigward is-suċċess potenzjali tal-proġett?

**c) Il-Ktieb fis-Suq: Il-livell ta' dettall u l-kuntatti stabbiliti (30 marka)**

Dal-kriterju jħares lejn id-dettall fil-pjan ta' riċerka, l-editjar, il-pubblikazzjoni, l-istampar, id-distribuzzjoni u l-promozzjoni tax-xogħol. Jiġu kkunsidrati wkoll il-kuntatti stabbiliti u d-dokumentazzjoni li trifidhom.

Il-pjan għall-ktieb fis-suq:

- Jikkunsidra kif se jippożizzjoni l-ktieb ladarba jkun ippubblikat?
- Jagħti rendikont tal-proċess tar-riċerka, l-istrateġija tal-pubblikazzjoni, jew kif se jsir l-editjar?
- Jagħti lista ta' kuntatti li saru, ngħidu aħna kuntatti ma' edituri, pubblikaturi, stampaturi jew distributuri (bid-dokumentazzjoni)?
- Jalloka riżorsi għal strateġiji ta' marketing, ngħidu aħna fuq il-mezzi soċjali jew fil-midja tradizzjonali?

### d) Il-Ktieb fis-Suq: Il-valur kulturali għas-suq Malti (10 marki)

Dal-kriterju jħares lejn ir-rilevanza kulturali tax-xogħol fis-suq lokali. Irid jiġi spjegat għala x-xogħol huwa mmirat għas-suq Malti.

Il-proġett:

- Ifiehem kif jallinea ruħu mal-kuntesti kulturali, soċjali u storiċi tal-udjenza mira?
- Jikkunsidra l-preferenzi u t-tendenzi tal-qarrejja, kif ukoll is-sensitivitajiet kulturali?
- Juri kif isib postu mal-valuri, it-tradizzjonijiet u d-diskussjonijiet kurrenti tas-soċjetà Maltija?
- Jassigura li ladarba stampat, il-ktieb ikollu suċċess lokalment?

### e) L-Immaniġġjar u l-Vijabbiltà: Iċ-ċarezza tal-applikazzjoni (10 marki)

Dal-kriterju jħares lejn iċ-ċarezza u l-livell fid-dettall tal-applikazzjoni.

Il-proġett:

- Jikkomunika sew l-iskop u s-sinjifikanza tiegħu?
- Jesebixxi ħsieb fil-fond u ippjanar (sinopsi, taqsim tal-kapitli, metodoloġija tar-riċerka fejn meħtieġa, u spjegazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-ktieb)?
- Jippreżenta proposta kollox ma' kollox organizzata?

### f) L-Immaniġġjar u l-Vijabbiltà: Finanzi (10 marki)

Dal-kriterju jħares lejn l-abbiltà tal-applikant li jimmaniġġja l-proġett finanzjarjament.

L-applikant:

- Juri ħila finanzjarja li jlesti l-proġett u jilħaq l-għanijiet imfissra bil-baġit mitlub?
- Jinkludi baġitjar li jagħmel sens, stimi tal-ispejjeż, u allokazzjonijiet ta' riżorsi għall-editjar, id-disinn, l-istampar, il-marketing u d-distribuzzjoni?
- Għandu pjan solidu ta' kif jassigura l-fondi?
- Isib bilanċ bejn l-effiċjenza finanzjarja u l-kwalità?

Ġeneralment applikazzjoni tkun ta' suċċess jekk ikollha:

- Deskrizzjoni ta' kif il-proġett għandu valur kulturali, edukattiv, letterarju u akkademiku.
- Referenzi leġittimi minn terzi persuni.
- Rendikont baġitarju realistiku mirfud minn dokumenti uffiċjali.

Il-bord tal-aġġudikazzjoni jista' jiddeċiedi li jwieżen bis-sħiħ jew parzjalment proġett jew ieħor.

Il-bord tal-aġġudikazzjoni jiddeċiedi abbażi tas-saħħa u s-sħuħija tal-applikazzjoni.

Il-bord tal-aġġudikazzjoni jista' jiddiskrimina ma' xi proġetti skont il-miri finanzjarji ta' kull fergħa tal-Fond Malti tal-Ktieb, anki minħabba li jkunu kkunsidraw ċerti prijoritajiet kurrenti tas-suq tal-pubblikazzjoni.

Id-deċiżjoni tal-bord tal-aġġudikazzjoni hi finali u mhux kontestabbli.

## 9. Dokumenti Mandatorji

Kull applikazzjoni jrid ikollha:

- Formola tal-applikazzjoni mimlija online.
- Proposta tal-proġett ta' 1,500 kelma.
- Rendikont baġitarju bi stimi uffiċjali.
- Kopja tal-Karta tal-Identità/Permess ta' Residenza tal-applikant
- CV/portafoll tal-awtur.
- CV/portafoll tal-editur (jekk applikabbli).
- Silta mill-proġett.
- Il-Formola tad-Dikjarazzjoni De Minimis.

Dokumenti oħra mhux mandatorji

Nirrakkomandaw ħafna li tinkudi dokumenti oħra li jsaħħu l-applikazzjoni tiegħek u jqawwu l-argument mal-aġġudikanti. Għalkemm applikazzjoni bid-dokumenti meħtieġa biss tgħaddi mill-eliġibbiltà, dawn mhumiex biżżejjed biex bihom tikkompeti mal-applikazzjonijiet l-oħra għall-fondi.

Dawn li ġejjin huma xi dokumenti oħra li tista' daħħal mal-applikazzjoni.

- Referenzi biblijografiċi tal-awtur.
- Kwalunkwe referenzi oħra li jsaħħu l-applikazzjoni tiegħek.
- Xi referenzi mill-midja li jissapportjaw il-proġett.

- Lista ta' fondi pubbliċi li ħadt fil-passat.

### 10. Applika

Is-sottomissjonijiet jagħlqu **t-Tlieta 19 ta' Mejju f'nofsinhar**.

L-applikanti mħeġġa bis-sħiħ jaqraw ir-regolamenti aktar minn darba qabel ma japplikaw.

L-applikazzjonijiet tal-Fond Malti tal-Ktieb 2026 iridu jiddaħħlu online minn dil-ħolqa: https://ktieb.submittable.com/submit. Segwi pass pass kif tapplika u ttella' d-dokumenti tiegħek.

Jekk issib ruħek f'xi diffikultà tiddejjaq xejn tibgħat email fuq matthew.borg@ktieb.org.mt jew iċċempel fuq +356 27131574 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-9am u l-4pm.

Ir-rappreżentanti tal-KNK jistgħu jiddiskutu miegħek dwar l-applikazzjoni, iżda mhumiex awtorizzati jiċċekkjawhielek jew jimlewhielek.

### 11. Riżultati u Mistoqsijiet

L-ismijiet tal-proġetti mwieżna jitħabbru online tmien ġimgħat mill-għeluq tas-sottomissjonijiet. Dawk li ma jirnexxilhomx jieħdu l-fondi jistgħu jerġgħu japplikaw.

L-informazzjoni miksuba mill-amministraturi tal-Fond tibqa' kunfidenzjali waqt u wara l-proċess tal-evalwazzjoni. Fil-ftehim li jiġi ffirmat mar-rebbieħa tal-fond, jiġu żgurati l-protezzjoni tad-dejta u l-kunfidenzjalità.

### 12. Implimentazzjoni tal-Proġett u Rappurtaġġ

Il-benefiċjarji jiffirmaw kuntratt u jieħdu l-ewwel 50% tal-fond kif jiffirmawh, imbagħad it-tieni nofs jingħata meta l-proġett jitlesta.

Il-benefiċjatji jridu jinfurmaw minn qabel lill-KNK jekk fil-proċess isiru xi tibdiliet sinjifikanti lill-proġett, u jridu jistennew li l-KNK jikkonferma.

Meta l-proġett jitlesta, l-applikant irid idaħħal:

**a)** Rapport finali li juri l-proċess u l-kisbiet tal-proġett.

**b)** Rendikont baġitarju finali bl-irċevuti jew il-fatturi li jikkorrispondu għall-istimi murija fil-bidu meta applika.

**c)** 2 kopji stampati tal-ktieb

Dan kollu jrid jiddaħħal **fi żmien sentejn.**

Il-benefiċjarji jridu jużaw il-logo tal-KNK fil-ktieb u f'xi materjal ieħor, u jispeċifikaw li l-proġett kien megħjun mill-Fond Malti tal-Ktieb. Dan irid isir anki f'PRs jew marketing ieħor. Il-logo u s-sentenza użata jintbagħtu mal-kuntratt tal-benefiċjarji.

Il-KNK jista' jiddeċiedi li ma jagħtix fondi jew jitlob fondi lura jekk:

- Id-dokumenti msemmija fil-fażi finali ma jkunux sodisfaċenti;
- L-ispejjeż proprja jkunu differenti ferm mill-istimi tal-bidu;
- Il-KNK ma jkunx ġie infurmat fil-ħin b'bidliet sinjifikanti li jirriżultaw ukoll li ma jaqblux mal-proposta tal-proġett;
- Il-fondi intużaw ħażin.

**13. Kellimna**

Jekk għadek xi diffikultà jew mistoqsijiet ibgħat email fuq matthew.borg@ktieb.org.mt jew ċempel fuq 356 27131574 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-9am u l-4pm.

L-indirizz tagħna huwa: Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Kumpless Bice Mizzi Vassallo, Triq Arnhem, Pembroke, PBK1776.

**Appendiċi – Definizzjoni ta' termini użati fl-iskema tal-Fond Malti tal-Ktieb**

Applikant

L-applikant huwa individwu, jew pubblikatur irreġistrat Malta jew internazzjonali, jew organizzazzjoni rikonoxxuta legalment li tapplika għall-fond.

Applikazzjoni

Applikazzjoni hija sottomissjoni, li tinkludi d-dokumenti meħtieġa kollha u kull appendiċi għall-formola tal-applikazzjoni, li ssir minn applikant eliġibbli.

Audiobook

Ktieb f'format awdjo li jġorr ISBN.

Awtur

Persuna li ppubblikat minimu ta' ktieb wieħed, storja jew artiklu f'format ta' ktieb.

Benefiċjarju

Min jirċievi l-fond. Il-benefiċjarju huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-proposta mwieżna mill-Fond Malti tal-Ktieb.

Bord tal-Aġġudikanti

Il-bord tal-aġġudikanti, maħtur mill-KNK, li jiġġudika u jqassam il-fondi lill-applikanti.

E-book

Ktieb f'format diġitali li jġorr ISBN.

Edizzjoni Ġdida

Edizzjoni ġdida hija l-pubblikazzjoni friska ta' ktieb li kien diġà ppubblikat qabel mill-istess pubblikatur jew minn xi pubblikatur ieħor.

- F'kuntrast ma' ktieb ġdid, edizzjoni ġdida tkun meqjusa bħala tali jekk ikollha aktar minn 50% tal-kontenut tagħha meħud mill-pubblikazzjoni preċedenti.
- F'kuntrast ma' sempliċiment stampar mill-ġdid tal-istess ktieb, edizzjoni ġdida jrid ikollha minn tal-inqas wieħed minn dawn: 1. bidla sostanzjali fil-format jew fil-legatura; 2. bidla sostanzjali f'minn tal-inqas 25% tal-kontenut oriġinali miktub jew minn tal-inqas 25% tal-kontenut ġdid; jew 3. bidla sostanzjali fl-illustrazzjonijiet, apparti l-qoxra.

Għall-fini ta' dal-Fond, Edizzjonijiet Ġodda ta' Kotba mhux fl-Istampa jridu jeċċellaw fis-sinifikanza kulturali, letterarja u akkademika tagħhom ("l-għan tal-Fond hu li jiġu ssussidjati proġetti ta' pubblikazzjoni ta' kwalità kulturali, edukattiva u intellettwali għolja, li minħabba l-kuntest tas-suq lokali mhumiex kummerċjalment vijabbli u għalhekk jispiċċaw ma jiġu

ppubblikati qatt”), ikunu ilhom mhux fl-istampa minn tal-inqas għoxrin (20) sena mid-data tal-ħruġ tal-Fond Malti tal-Ktieb inkwistjoni, kif ukoll ikollhom aktar minn 50% tal-kontenut meħud mill-pubblikazzjoni preċedenti; ikollhom bidliet sostanzjali fil-format jew fil-legatura, inkella bidliet sostanzjali f’mill-inqas 25% tal-kontenut oriġinali miktub jew minn tal-inqas 25% kontenut ġdid, jew ikollhom bidliet sostanzjali fl-illustrazzjonijiet, barra l-qoxra tal-ktieb.

Eliġibbiltà

L-applikazzjonijiet jiġu ċċekkjati għall-eliġibbiltà. Proposti li ma jitqisux eliġibbli skont il-kriterji stabbiliti ma jiġux ipproċessati u lanqas jgħaddu għall-fażi evalwattiva.

Fond

Fond jista’ jkun wieħed għall-pubblikazzjoni jew għall-promozzjoni lil hinn minn xtutna maħruġ mill-KNK.

Għotja għat-Traduzzjoni

Għotja mogħtija taħt Kategorija 1 jew Kategorija 2 tal-Fond Malti tal-Ktieb - Għotjiet għat-Traduzzjoni, li jiffinanzjaw it-traduzzjoni ta’ pubblikazzjonijiet letterarji identifikati minn ISBN (finzjoni, letteratura mhux fittizja, poeżija, drammi, bijografiji, xogħol akkademiku u rumanzi grafiċi).

Impriża waħda

ʻImpriża waħda ʼtinkludi, l-intrapriżi kollha li jkollhom bejniethom mill-inqas waħda mir-relazzjonijiet li ġejjin:

a) intrapriża waħda li jkollha l-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f’intrapriża oħra;
b) intrapriża waħda li jkollha d-dritt li taħtar jew li tneħħi l-maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta ʼintrapriża oħra;
ċ) intrapriża waħda li jkollha d-dritt teżerċita influwenza dominanti fuq intrapriża oħra skont kuntratt li tkun daħlet fih flimkien ma ʼdik l-intrapriża jew skont dispożizzjoni fil-memorandum jew statut ta ʼassoċjazzjoni tagħha;
d) intrapriża waħda, illi tkun azzjonista fi jew membru ta ʼintrapriża oħra, tikkontrolla waħedha, skont ftehim ma ʼazzjonisti oħra fi jew membri ta ʼdik l-intrapriża, maġġoranza tad-drittijiet tal-voti tal-azzjonisti jew tal-membri f’dik l-intrapriża.

Intrapriżi li jkollhom waħda mir-relazzjonijiet imsemmija fil-punti minn (a) sa (d) permezz ta ʼ intrapriża waħda jew aktar, għandhom ukoll jitqiesu bħala impriża waħda.

Kotba Annwali

Pubblikazzjoni annwali li jkun fiha informazzjoni u statistika dwar attivitajiet li seħħew fl-imgħoddi.

Kotba Maltin

Kotba bil-Malti jew bl-Ingliż ippubblikati Malta u li jkollhom ISBN Malti.

Kotba tal-Iskola

Pubblikazzjoni użata bħala xogħol għall-istudju dwar suġġett partikulari fl-iskola (f'kull livell).

Ktieb

Pubblikazzjoni mitbugħa li jkollha ISBN.

Ktieb Ġdid

Ktieb ġdid huwa ktieb li jkollu aktar minn 50% tal-kontenut oriġinali.

Melitensia

Kotba, elettroniċi jew mhux, ippubblikati Malta, jew minn awturi Maltin, jew dwar Malta, jew bil-lingwa Maltija, jew dwar kull aspett ieħor ta' studju dwar Malta minn kull awtur.

Pitch għat-Traduzzjoni

Fil-qosor, proposta jew pitch għat-traduzzjoni ta' ktieb għandha taqbad fl-essenza tagħha dwar xiex inhu l-ktieb u għaliex il-qarrejja għandhom ikunu interessati fih. Tista' tippiċċja aġent waqt laqgħa jew konferenza, iżda tista' wkoll billi timla formola apposta.

Traduzzjoni ta' silta minn ktieb biex tintuża bħala pitch ħarira differenti għax tkun ippiċċjata minn aġent tad-drittijiet ta' barra, aġent letterarju, jew pubblikatur barrani. B'mod ġenerali pitch tkun konċiża.

Hemm differenza ewlenija f'li tippiċċja ktieb ġdid u li tippiċċja traduzzjoni ta' ktieb: kemm jeħtieġlek tittraduċi mill-ktieb qabel tippiċċja u x'materjal għandek tinkludi fil-pakkett tal-pitch.

L-ittra tal-pitch tiegħek għall-fini ta' dal-fond (mhux aktar minn 1,000 kelma) għandha tinkludi:

- Dokument ta' Informazzjoni Avvanzata jew AI (preżentazzjoni tal-ktieb, riċensjonijiet fl-istampa, l-għan tal-ktieb (kotba mhux fittizji) jew dettalji tal-plot (kotba fittizji) u l-punti ewlenin jew is-suġġetti tal-ktieb f'paragrafi qosra, informazzjoni dwar l-awtur (kotba preċedenti, rendikont tal-bejgħ, premji, films ibbażati fuq xogħolhom, eċċ.);
- Kif interessajt ruħek fit-traduzzjoni ta' dal-ktieb: spjegazzjoni għaliex tinsab entużjast għat-traduzzjoni u għaliex taħseb li x-xogħol ikun jixraq lit-tali pubblikatur (tista' ssir referenza għal kotba oħra ppubblikati minnu) u lit-tali suq;
- Silta (madwar 3,500 kelma – biżżejjed biex dak li jkun ikollu togħma tajba tax-xogħol): jekk jingħataw il-fondi għandha tinqaleb silta mill-oriġinal;

- Fatti u numri: it-tul, in-numru tal-kliem/paġni. Rendikonti tal-bejgħ jew fejn ikklassifika l-ktieb fil-bejgħ fil-pajjiż li ġej minnu, anki bħala traduzzjoni f'xi pajjiż ieħor (dawn jistgħu jinkisbu mill-pubblikatur oriġinali);
- Sommarju dwarek (esperjenza fit-traduzzjoni u l-kredenzjali, jekk hemm);
- Raġunijiet li jistgħu jaffettwaw id-deċiżjoni tal-pubblikatur: kif intlaqa' l-ktieb fis-suq oriġinali tiegħu u għaliex se jkun jixraq traduzzjoni fis-suq mira; it-tul; l-ispiża tat-traduzzjoni sħiħa tal-ktieb;
- L-awtur ħaj, kapaċi jiġi promoss, disponibbli tiltaqa' miegħu? Il-ktieb parti minn serje? Il-pajjiż jiġbed attenzjoni? L-editur jista' jaqra l-lingwa mira jew ikollu jistrieħ fuq xi ħadd barrani jew fuq traduzzjoni pont? Ħoloq ta' paġni tal-mezzi soċjali jew siti tal-awtur. Kull materjal ieħor ta' marketing li jattira l-pubblikatur potenzjali;
- Jirnexxilek inti jew min qed jirrappreżentak tiġbed lill-pubblikatur lejk kieku jkellkom tiltaqgħu f'laqgħa editorjali?
- Is-sejbiet tar-riċerka li saret biex jiġi identifikat id-detentur tad-drittijiet ta' barra.

<u>Proġett</u>

Il-ktieb li l-applikant qed jippjana li jippubblika bl-appoġġ tal-Fond Malti tal-Ktieb.

<u>Pubblikatur</u>

Persuna jew grupp ta' persuni li għandhom dar tal-pubblikazzjoni li tkun ippubblikat tal-inqas ktieb wieħed minn awtur wieħed.

<u>Traduttur</u>

Persuna li qalbet minimu ta' ktieb wieħed, jew storja jew artiklu f'forma ta' ktieb, jew tkun xhud ta' ħiliet fit-traduzzjoni.